MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Frar, 2019

Rikors Numru 1174/2018 LM

**Wara l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1703/2018/1 LSO fl-ismijiet:**

**Alfred Anton Zarifa u martu Olena Zarifa**

***vs.***

**Alexander Mangion u Melvin Mangion**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Alexander Mangion** (karta tal-identità numru 565482M) u **Melvin Mangion** (karta tal-identità numru 300580M), *ai termini* tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ippreżentat fis-26 ta' Novembru, 2018, (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li jgħid kif ġej:

1. *Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta tal-21 ta' Novembru, 2018, ġiet milqugħa talba tal-konjugi Alfred Anton u Olena Zarifa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra r-rikorrenti; (Kopja tal-istess digriet hawn anness u mmarkat Dok. FG);*

2. *Illi r-rikorrenti qegħdin jipprevalixxu ruħhom mid-dritt mogħti lilhom ai termini tal-artikolu 836 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi l-esponenti ser jibbażaw it-talba tagħhom fuq dak li jipprovdi s-subinċiż (b), (d) u (f) tal-artikolu 836 subinċiż 1;*

4. *Illi sabiex ma ssirx ripetizzjoni inutli, l-esponenti jixtiequ li l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi jiġu allegati ma' dawn l-atti u dan kemm ai fini ta' ekonomija tal-ġudizzju iżda wkoll sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha spekkjet ċar tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet kollha ta' dan il-każ;*

5. *Illi dan ir-rikors mhux biss ser jindirizza l-aggravji sollevati ai termini tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda wkoll ser iservi sabiex titressaq kritika għar-ratio ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta meta għaddiet sabiex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi;*

6. *Illi fl-ewwel lok il-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi għandu jiġi revokat għaliex minn imkien ma ġie ppruvat id-dritt prima facie li qed ifittxu li jikkawtelaw il-konjugi Zarifa;*

7. *Illi bir-rispett il-ħtieġa tal-prova tad-dritt prima facie tolqot mhux biss lil dan il-mandat iżda lil kull mandat kawtelatorju. Huwa minnu li l-analiżi prima facie ma huwiex wieħed profond u l-Qorti ma tistax tagħmel indaġni fil-mertu tal-kwistjoni. Huwa minnu li l-mandat kawtelatorju jinħareġ fuq il-ġurament tal-persuna li titlob il-ħruġ tiegħu. Huwa però wkoll minnu li x'jikkostitwixxi prima facie jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ li jkollha quddiemha l-Qorti u ċertament li l-quantum tal-kreditu li allegatament ikun qed jiġi kawtelat jimpinġi fuq l-analiżi li għandha tagħmel il-Qorti u l-prova li jrid iressaq il-persuna li jitlob il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju. Hemm differenza bejn li wieħed ifittex li jikkawtela kreditu ta' ħdax-il elf Euro u bejn li wieħed ifittex li jikkawtela kreditu ta' tliet miljuni bħal fil-każ in eżami. Meta kreditu li allegatament ikun qed jiġi kkawtelat, akbar ma tkun is-somma li tkun qed tiġi kawtelata, akbar huwa l-oneru li jinkombi fuq ir-rikorrent li jressaq prova prima facie ta' sors tal-pretensjoni tiegħu u ta' kif ikun wasal għaċ-ċifra in kwistjoni u akbar huwa l-oneru fuq il-Qorti li trid tivverifika l-istess. L-analiżi prima facie li trid tagħmel il-Qorti ċertament li ma huwiex fl-istess każ bħal dak in eżami fejn qed jintalbu tliet miljuni daqs li kieku s-somma mitluba ma teċċedix tlettax-il elf Euro;*

*Il-fatt li l-parti li titlob il-ħruġ ta' mandat tistitwixxi proċeduri fil-mertu ma jfissirx li b'daqshekk ġie sodisfatt il-vot tal-liġi għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju;*

*F'dan il-każ la fl-atti tal-mandat in kwistjoni u lanqas fl-atti tal-kawża fil-mertu, ma ħtiġilhom ir-rikorrenti konjugi Zarifa iressqu l-iċken prova bħal per eżempju prospett ta' kif waslu għaċ-ċifra minnhom reklamata – l-inqas ħaġa li wieħed kien jistenna f'każ ta' somma daqshekk elevata;*

*Lanqas ma għandna indikazzjoni ta' x'inhi n-natura tad-danni reklamati jew l-atti allegatament kommessi mill-esponenti li suppost ikkawżaw tali danni lir-rikorrenti konjugi Zarifa;*

*Għall-kuntrarju fl-atti l-prova li hemm hija frott ir-relazzjoni ġuridika bejn il-konjugi Zarifa u s-soċjetà MPM u mhux l-esponenti personalment, il-konjugi Zarifa għamlu qligħ filwaqt li s-soċjetà MPM għad għandha tiġbor mingħand il-konjugi Zarifa somma in eċċess ta' żewġ miljun Euro. Għall-kuntrarju s-soċjetà MPM anke fl-istadju ta' mandati kawtelatorji ressqet dokumentazzjoni voluminuża sabiex issostni l-figuri li hija qed tirreklama;*

*Għalhekk ir-rikorrenti Zarifa mhux talli naqsu li jġibu prova prima facie ta' dak allegat minnhom iżda ċertament li fiċ-ċirkostanzi lanqas jistgħu juru kif tali somma minnhom reklamata hi b'xi mod ġustifikata jew tal-anqas mhux eċċessiva;*

*Bir-rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti li Qorti tiddikjara li tali analiżi teżorbita l-istħarriġ li jrid isir f'dan l-istadju la huwa fattwalment u lanqas ġuridikament korrett. Id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tagħti lok għall-abbuż lampanti da parti ta' persuni li kapriċċożament jippreżentaw mandati kawtelatorji meta ma għandhom bażi lanqas prima facie għalihom bl-iskop uniku li jqiegħdu lill-kontro-parti f'diffikultà u jinfliġġu tbatija bla bżonn;*

*8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost lanqas ma kellha mis-sewwa d-deċiżjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti dwar l-aggravju mqajjem minn l-esponenti għal dak li jirrigwarda l-leġittimu kontradittur tal-mandat mertu tal-proċedura de quo. L-Ewwel Onorabbli Qorti skartat dan l-aggravju għax qalet li anke dan jeżorbita l-istħarriġ li jrid isir f'dan l-istadju u li donnu biex tiddetermina dan riedet bilfors tidħol fil-mertu. Bir-rispett dan ma huwiex korrett legalment għaliex altrimenti jkun ifisser li kwalsiasi persuna tkun tista' tfajjar mandat kontra min trid mingħajr ma turi xi rabta jew relazzjoni ġuridika ma' dik il-persuna f'dak li qed titlob;*

*In atti hemm dokumentazzjoni voluminuża li turi biċ-ċar li l-konjugi Zarifa dejjem ikkuntrattaw mas-soċjetà MPM u qatt mal-esponenti personalment. Imkien u*

*lanqas fuq bażi prima facie ma stħoqqilhom juru kif l-esponenti għandhom xi rabta magħhom fil-vesti tagħhom personalment;*

*F'kontradizzjoni manifesta, l-Ewwel Onorabbli Qorti f'nifs tgħid li ma tistax tidħol fil-mertu iżda f'nifs ieħor tagħmel konsiderazzjonijiet fil-mertu dwar l-allegat obbligi fiduċjarji tal-esponenti meta fl-atti ma hemm ebda dokument jew prova f'dan is-sens u kien jirrikjedi li wieħed jagħmel analiżi tat-tip ta' liċenzja li għandha s-soċjetà MPM maħruġa lilha mill-MFSA li fil-fatt ma hijiex tan-natura li donnha timplika l-Ewwel Onorabbli Qorti;*

*Skont l-Ewwel Onorabbli Qorti, is-soċjetà MPM toffri servizzi relatati ma' maniġġjar ta' investimenti u allura l-esponenti fil-vesti tagħhom għandhom obbligi fiduċjarji. Is-soċjetà MPM ma toffrix dak is-servizz. Lanqas biss tista' toffrih. Hija toffri biss servizz ta' 'Reception and transmission of orders, Investment Advice and Nominee Services.' Din hi ċara wkoll mil-liċenzja li għandha l-istess soċjetà. Biex wieħed jagħmel Asset Management (Discretionary Services) l-Investment Services Act jgħidlek ċar li trid liċenzja apposta għaliha. Apparti minn hekk irid ikollok Investment Committee apposita għaliha u li jrid ikun approvat mill-MFSA;*

9. *Illi mingħajr preġudizzju lanqas jistgħu l-esponenti jaqblu mal-Ewwel Onorabbli Qorti li warrbet b'tant leġġerezza l-fatt li r-rikorrenti Zarifa rabtu l-kawżali tagħhom ma' proċeduri indikati bin-numru speċifiku tagħhom li rriżulta li fil-fatt ma kinux jittrattaw proċeduri istitwiti mir-rikorrenti Zarifa iżda rikors għal revoka ta' mandat ta' sekwestru ppreżentat mill-esponenti. Ma huwiex biżżejjed li hemm jingħad li mandat joħroġ fuq ġurament tal-parti li titolbu u hemm konsegwenzi jekk jirriżulta li dak konfermat bil-ġurament ma kienx minnu. Hawn mhux minnu li proċeduri ta' sperġur kellna iżda proċeduri ta' mandat ta' inibizzjoni. Jekk il-bażi li fuqhom ir-rikorrenti ibbażaw it-talba tagħhom tirriżulta li ma kinitx minnha, il-konsegwenza huwa li l-mandat jiġi miċħud u mhux qisu xejn m'hu xejn u għalhekk wieħed f'mandat ġie jfisser li jista' jiddikjara li jrid u li jfettillu bla ebda konsegwenza għat-talba tiegħu jekk jirriżulta li dak dikjarat ma kienx korrett;*

10. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost mill-fatti esposti fir-risposta tal-esponenti għall-mandat ta' inibizzjoni de quo (kopja informi hawn annessa u mmarkata Dok. FG1) jidher li dan il-mandat ta' inibizzjoni kien każ tipiku ta' tpattija għall-fatt li s-soċjetà MPM adixxiet il-Qorti ta' pajjiżna bit-talbiet u l-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tal-konjugi Zarifa u t-talbiet għar-revoka ta' mandati kawtelatorji maħruġa kontrihom da parti tagħhom ġew miċħuda;*

11. *Illi mingħajr preġudizzju, konsegwenza tal-mandat ta' inibizzjoni de quo, ir-rikorrenti sofrew u qed isofru danni kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-*

*proċeduri. Dak li għamlu l-intimati Zarifa irendi dan il-mandat ta' inibizzjoni wieħed frivolu u vessatorju u għaldaqstant jirraviżaw ruħhom iċ-ċirkostanzi kontemplati fil-liġi għall-applikazzjoni tal-provvedimenti tas-subinċiż 8 u 9 tal-Art. 836 tal-Kap. 12 fil-konfront tal-intimati Zarifa;*

12. *Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost jekk din l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li m'għandhiex tilqa' t-talba tal-esponenti għar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi, ċertament jirravizzaw ruħhom iċ-ċirkostanzi li jimmeritaw li l-intimati Zarifa jiġu ordnati jagħtu garanzija idonea lill-esponenti għall-ispejjeż u d-danni li qed isofru u li ser isofru l-esponenti.*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 1703/2018/1 LSO fl-ismijiet premessi fl-atti ta' dan ir-rikors;*
2. *Tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni numru 1703/2018/1 LSO fl-ismijiet premessi u dan ai termini tal-artikolu 836 subinċiż (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
3. *Tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 836 subinċiż (8) u (9) tal-Kap. 12 fil-konfront tal-konjugi Zarifa;*
4. *Alternattivament jekk it-talbiet preċedenti ma jintlaqgħux fl-intier tagħhom, tordna lill-konjugi Zarifa jagħtu garanzija idonea fil-liġi sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż u d-danni li qed isofru r-rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati.*

Rat ir-Risposta ta' **Alfred Zarifa** (ID numru 315087M) u ta' martu **Olena Zarifa** (ID numru 326807L) (minn issa 'l quddiem "l-intimati"), ippreżentata fis-6 ta' Diċembru, 2018, li permezz tagħha eċċepew:

*Illi t-talba tar-rikorrenti Alexander Mangion u Melvin Mangion kif dedotta fir-rikors odjern għandha tiġi respinta bl-ispejjeż għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Ir-raġunijiet indikati f'sub-artikolu (1) tal-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huma l-unika raġunijiet li a bażi tagħhom tista' tiġi prospettata u mressqa talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju;*

2. *Isegwi li rikors għar-revoka jista' jindirizza unikament u esklussivament dawk ir-raġunijiet indikati fl-imsemmi sub-artikolu u għalhekk kull kritika 'għar-ratio ta' din il-Qorti diversament preseduta mhux biss hija irrelevanti kwantu għat-talba għar-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni iżda hija wkoll assolutament inopportuna;*

3. *Ir-rikorrenti jekk riedu jattakkaw il-provvediment ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta, kwantu għar-ratio tal-istess provvediment, kellhom iressqu kawża ad hoc. Huwa proċeduralment irregolari li wieħed jintenta juża il-proċedura speċjali skont l-artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi b'mod ċar u inekwivokabbli li huma biss ir-raġunijiet espressi u speċifikati fl-imsemmi artikolu li jistgħu jservu bħala bażi jew raġuni għar-revoka;*

4. *Ir-rikorrenti aħwa Mangion fir-rikors tagħhom stqarrew li huma qegħdin jibbażaw it-talba tagħhom għar-revoka fuq dak li jipprovdu s-sub-inċiżi (b), (d) u (f) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk ir-rikorrenti kellhom jissoffermaw fuq analiżi u razzjonċinju li jemerġi mill-invokar ta' dawn ir-raġunijiet. Kull analiżi u razzoċinju li ma jinkwadrawx ruħhom fir-raġunijiet espressi u speċifikati fis-sub-inċiżi (b), (d) u (f) tas-sub-artikoli (1) tal-artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jiġi skartat għad li ma huwiex legalment permissibbli;*

5. *Illi t-talba tar-rikorrenti Alexander Mangion u Melvin Mangion għar-revoka tal-imsemmi mandat ta' inibizzjoni hija msejsa, fost oħrajn, fuq ir-raġuni kontenuta fis-sub-inċiż (b) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12. L-ewwel parti tad-dispożizzjoni ta' dan l-artikolu 836 taqra hekk: "Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorji, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu għal xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin." Ir-raġunijiet speċifikati fil-paragrafi (a) sa (f) huma kif ġia intqal eżawrjenti;*

6. *Jiġi osservat li fil-provvediment tagħha tal-10 ta' Mejju, 2001 fil-proċediment "**Joseph Camilleri et vs. Anthony Gove et**" din l-Onorabbli Qorti (PA/RCP) irrelevat "li mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-*

*kawża proprja." Din il-Qorti (PA/RCP) osservat illi "dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina prima facie jekk min ħareġ il-mandat kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-aħħar eżami jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża." (***(P.J. Sutters Company Limited vs. Concept Limited –*** *P.A. (RCP) 10 ta' Mejju, 2001);* ***Visa Investments Ltd vs. Blye Engineering Co. Ltd. –*** *P.A. (RCP) – 7 ta' Frar, 2001);*

7. *Skont l-insenjament tal-ġurisprudenza, dak li l-Qorti għandha tistħarreġ huwa jekk ir-rekwiżiti li trid il-liġi għall-ħruġ ta' mandat ikunu jidhru mill-att innifsu kif ukoll illi tara li l-att ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv – (****Paul Hili vs. Dr Joselle Farrugia –*** *Qorti tal-Kummerċ – GMA – 23 ta' Ġunju, 1994);*

8. *Il-Qorti għandha dejjem tiġi gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza. Jibqa' d-dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti (****Vincent Mercieca vs. George Galea –*** *PA/RCP – 29 ta' Novembru 2001;*

9. *Jekk il-quddiem il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-pretensjoni tal-eżekutant mhijiex tajba, xorta waħda ma jistax jingħad neċessarjament li l-mandat ma kienx iġġustifikat għax is-suċċess jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li mandat kawtelatorju jinħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ (****Jane Spiteri vs. Nicholas Camilleri –*** *PA/JSP – 10 ta' Jannar, 1992;* ***Paul Caruana vs. Global Executive Search (Malta) Limited –*** *PA/JRM – 16 ta' April 2004);*

10. *L-argumenti mressqa mir-rikorrenti Alexander Mangion u Melvin Mangion m'għandhomx lok f'dawn il-proċeduri, iżda għandhom jiġu trattati u deċiżi proprju fil-kawża nnifisha, u mhux f'dan l-istadju, għaliex altrimenti wieħed neċessarjament irid jidħol fil-mertu tal-kawża stess, u dan imur oltre l-ġudizzju prima facie li din il-Qorti, f'dan l-istadju, hija tenuta li tadotta skont l-istess ċitat artikolu li a bażi tiegħu l-imsemmija rikorrenti aħwa Mangion ippreżentaw ir-rikors odjern;*

11. *Ma hemmx dubju li fil-każ tal-mandat ta' Inibizzjoni odjern, il-Qorti qabel ħarġet il-mandat de quo qieset, kif dejjem tagħmel, il-mandat b'ċirkospezzjoni u attenzjoni kbira. Għalhekk biex tikseb ir-revoka in toto jew in parte tal-att*

*kawtelatorju, l-eżekutati riedu juru li għandhom raġuni fost is-sitta li jindika l-art. 836 (1);*

12. *Fir-rikors odjern, ir-rikorrenti eżekutati Alexander Mangion u Melvin Mangion indikaw tliet kawżali u ċioe dawk marbuta mas-sub-inċiżi (b), (d) u (f);*

13. *Kwantu għall-kawżali marbuta mas-sub-inċiżi (b) u (f), ġie osservat minn dina l-Onorabbli Qorti fil-każ promoss permezz tar-rikors numru 164/12 JRM fl-ismijiet* ***Jamar Malta Limited (C45236) vs. Office Group Limited (C39197)*** *għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 609/2012 ippreżentat nhar l-4 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet :* ***Office Group Limited (C3917) vs. Jamar Malta Limited (C45236)****, kwantu għall-Art. 836(1) (f) tal-Kap. 12:*

    *- "Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem 'jinżamm' u 'aktar meħtieġ' li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat issa m'għadux il-każ'.*

14. *F'dan il-kuntest, din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza* ***GasanMamo Insurance Limited (C2143) et vs. Roc A Go Crane Services Limited (C27553) et****, mogħtija fis-6 ta' Frar, 2014, qalet: "Għalhekk f'dawn il-proċeduri r-rikorrenti għandhom jippruvaw li tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha speċjali tal-każ mhux raġonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorji għandu jibqa' fis-seħħ u li waħda mill-ħtiġijiet għall-ħruġ tal-mandat m'għadhiex teżisti." (Ara wkoll* ***Dr Tonio Fenech noe vs. Dr Patrick Spiteri et noe,*** *mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu, 2003);*

15. *Minn kliem il-liġi stess joħroġ ċar li sabiex jitwarrab Mandat (jew parti) abbażi tas-sub-inċiż (b ) hu meħtieġ li jkun hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi mid-data tal-ħruġ tal-mandat;*

16. *Il-Qorti kompliet tgħid illi, 'Sabiex issir din l-analiżi wieħed irid iqis jekk mid-data tal-ħruġ tal-mandat għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-mandat.' Tant hu hekk li fis-sentenza* ***Stewart Desmond Stanley vs. Therese Mangion Galea*** *tad-29 ta' Lulju, 2005, il-Qorti, fl-analiżi tagħha tas-sub-inċiż (f) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 836 reġgħet iċċitat il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Mandat: 'Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-*

*pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu; u (d) li tali mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilità tal-persuna li tkun talbitu."*

17. *Fil-każ taħt eżami, ma tirriżultax il-prova fil-parametri tas-subparagrafu (f) kif debitament imfisser fil-ġurisprudenza tagħna u dana peress li ma tressqet ebda prova ta' xi ċirkostanza li seħħet wara d-data tal-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni li magħha r-rikorrenti sejsu t-talba tagħhom għar-revoka;*

18. *Kwantu għall-kawżali marbuta mas-sub-inċiż (d), ir-rikorrenti Alexander Mangion u Melvin Mangion jibnu l-ilment tagħhom dwar din il-kawżali bili jgħidu li konsegwenza tal-Mandat ta' Inibizzjoni r-rikorrenti sofrew u qed isofru danni kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*

19. *Fl-ewwel lok din il-proċedura ma tippermettix li jsiru provi dwar id-danni li r-rikorrenti qegħdin jallegaw li sofrew u qed isofru. Ir-rikorrenti għandhom jagħmlu u jistgħu jagħmlu f'kawża ad hoc li fiha l-esponenti konjugi Zarifa ikunu f'pożizzjoni li jwieġbu u jiddefendu ruħhom kif jesiġu r-regoli tal-ġustizzja naturali u d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' pajjiżna;*

20. *Dak li dina l-Onorabbli Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok huwa jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrenti eżekutanti Zarifa għandhom bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-'fumus juris' tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk waslux biex 'jillikwidaw' tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnhom maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Jekk il-Qorti ssib li r-rikorrenti eżekutanti għandhom, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' ħlas allura l-Qorti ma tistax, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu jew li l-ammont pretiż huwa mistħoqq jew li huwa għoli wisq għax b'hekk tkun qiegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-kawża u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun esaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat (Ara* ***Theresa Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart*** *mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju, 2005). Tenut kont li mid-dokumenti stess li r-rikorrenti Mangion esebew fil-proċeduri għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni si tratta ta' investimenti ta' valur u entità konsiderevoli u kospikwa u ta' ġestjoni u movimenti ta' flejjes f'miljuni ta' Euro, l-ammont pretiż*

*u reklamat mir-rikorrenti eżekutanti Zarifa ċertament la jista' jitqies esaġerat u wisq aktar grossolan u ażżardat.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha ta' dan ir-rikors.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-proċedura odjerna hija waħda minn sensiela ta' proċeduri legali li l-partijiet ħadu fil-konfront ta' xulxin, liema proċeduri legali jafu l-bidu tagħhom lir-relazzjoni kummerċjali li l-konjugi Zarifa kellhom mas-soċjetà MPM Capital Investments Limited, meta dawn investew flejjes tagħhom fi strumenti finanzjarji offruti minn din is-soċjetà, li d-diretturi tagħha huma Alexander Mangion u Melvin Mangion, ir-rikorrenti f'din l-istanza. Jidher li minkejja li fuq perijodu ta' seba' snin il-konjugi Zarifa investew flejjes f'diversi strumenti finanzjarji permezz tas-soċjetà ġestita mill-aħwa Mangion MPM Capital Investments Limited, f'xi żmien dawn bdew jagħtu struzzjonijiet lill-istess soċjetà tagħmel ħlasijiet lil terzi f'isimhom, u tiġbed flejjes investiti minnhom, bir-riżultat li wara xi żmien, il-konjugi Zarifa sfaw debituri tas-soċjetà MPM Capital Investments Limited minħabba li allegatament kienu nġibdu f'isimhom ferm aktar flus milli dawn kellhom iddepożitati. Is-soċjetà MPM Capital

Investments Limited kienet talbet l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-konjugi Zarifa u dan sabiex dawn jinżammu milli jbiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew b'xi mod jiddisponu *inter vivos* minn numru ta' proprjetajiet tagħhom. Il-pretensjoni ta' MPM Capital Investments Limited meta talbet l-ħruġ ta' dan il-Mandat, kienet li l-konjugi Zarifa kienu debituri tagħha fl-ammont ta' żewġ miljun, seba' mija u sebgħin elf, erba' mija u tmenin Euro (€2,770,480). Dan il-Mandat kien intlaqa' minn din il-Qorti kif diversament preseduta, kif jirriżulta mid-dokumenti allegati mal-atti ta' dawn il-proċeduri. Fl-istess żmien kien sar ukoll mandat ta' sekwestru kawtelatorju mis-soċjetà MPM Capital Investments Limited, filwaqt li talba tal-konjugi Zarifa għar-revoka ta' dan l-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju kienet ġiet miċħuda.

Sussegwentement kienu l-konjugi Zarifa li għamlu talba quddiem il-Qorti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni li permezz tiegħu huma wkoll ippretendew li jżommu lill-aħwa Mangion personalment milli jbiegħu, jiddisponu jew jittrasferixxu għadd ta' fondi indikati minnhom. Il-pretensjoni tal-konjugi Zarifa hi li huma sofrew danni f'ammont li jeċċedi t-tliet miljun Euro (€3,429,479), konsegwenti għal azzjonijiet allegatament kommessi mill-aħwa Mangion flimkien mas-soċjetà MPM Capital Investments Limited, filwaqt li fetħu kawża fejn qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnhom. Dak il-Mandat ta' Inibizzjoni intlaqa' minn din il-Qorti kif diversament preseduta f'deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Novembru, 2018, u kien fid-dawl ta' dan li r-rikorrenti f'din l-istanza ressqu rikors *ai termini* tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-iskop li dan l-att kawtelatorju jiġi revokat għalkollox jew f'parti minnu.

Ir-rikorrenti qegħdin iressqu t-talba tagħhom taħt is-subinċiżi (b), (d) u (f) tal-artikolu 836 (1) tal-Kap. 12, li jispeċifikaw li sabiex talba għall-ħruġ ta' kontromandat bħal dan tintlaqa', irid jiġi ppruvat li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha teżisti; jew irid jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat; jew irid jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ dak l-att kawtelatorju jew parti minnu. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti jgħidu li l-jedd *prima facie* tal-intimati Zarifa ma jirriżulta minn imkien, u li dawn ma ressqu ebda dokument jew xi prova oħra tad-dannu li huma jippretendu li sofrew. Ir-rikorrenti jisħqu li l-Qorti meta tkun ser tiddeċiedi fuq dak li jidher mad-daqqa t'għajn, għandha tagħti kas tal-*quantum* tal-kreditu li jkun qed jiġi kawtelat, u dan għandu jimpinġi fuq l-analiżi li għandha tagħmel il-Qorti, stante li hemm differenza bejn sitwazzjoni fejn qiegħed jiġi kawtelat ammont irriżorju għal sitwazzjoni fejn qegħdin jiġu kawtelati somom li jlaħħqu l-miljuni ta' Euro. Ir-rikorrenti jsostnu għalhekk li aktar ma tkun kbira s-somma li qed tiġi kawtelata, aktar hu kbir l-oneru tar-rikorrenti li jippruvaw is-sors tal-pretensjoni tagħhom, u l-mod kif waslu għaċ-ċifra pretiża minnhom. Waħda mil-lanjanzi ewlenin tar-rikorrenti fil-fatt hija li l-konjugi Zarifa ma ressqu ebda prova tad-danni jew xi tip ta' prospett dwar kif waslu għal kwantum tad-danni pretiżi minnhom. Ir-rikorrenti jgħidu li huma ressqu dokumentazzjoni voluminuża bħala prova li l-konjugi Zarifa għamlu profitt mill-investiment tagħhom, filwaqt li hi s-soċjetà MPM Capital Investments Limited li għadha trid tiġbor il-flus dovuti lilha. Ir-rikorrenti qalu wkoll li l-konjugi Zarifa dejjem ikkontrattaw ma' MPM Capital Investments Limited u qatt mar-rikorrenti aħwa Mangion personalment, u dan fid-dawl tal-fatt li permezz tat-talba

tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, il-konjugi Zarifa pproċedew kontra l-aħwa Mangion personalment.

L-intimati konjugi Zarifa min-naħa tagħhom wieġbu li l-analiżi li trid tagħmel din il-Qorti hi limitata għal stħarriġ dwar jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 humiex sodisfatti jew le, stante li dawn huma l-uniċi raġunijiet li għalihom tista' tintalab revoka ta' mandat. Il-konvenuti saħqu li l-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 m'għandhiex titqies bħala opportunità biex jitressaq xi tip ta' appell mid-deċiżjoni li tkun tat Qorti li ddeċidiet dwar it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. L-intimati jsostnu li r-rikorrenti jeħtiġilhom jippruvaw li tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ, mhux raġonevoli li l-mandat kawtelatorju jibqa' fis-seħħ u li waħda mill-ħtiġijiet għall-ħruġ tal-mandat m'għadhiex teżisti. F'dan il-kuntest, l-intimati eċċepew li tali bidla fiċ-ċirkostanzi trid tkun waħda sostanzjali, u li trid tkun seħħet wara d-data tal-ħruġ tal-Mandat, u li f'dan il-każ ir-rikorrenti ma ressqu ebda prova ta' bdil ta' xi ċirkostanza. Huma eċċepew ukoll li l-proċedura tal-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma tippermettix li jsiru provi dwar dak li r-rikorrenti jallegaw li sofrew jew li qed isofru, u li għalhekk tali stħarriġ hu limitat għal dak li jidher mad-daqqa t'għajn. Qalu li dak li kellha tagħmel il-Qorti kien li tistħarreġ jekk fl-ewwel lok Zarifa kellhomx bażi ta' pretensjoni, u jekk tali pretensjoni ġietx likwidata f'somma li taqbel mal-ammont minnhom maħluf fil-Mandat. Eċċepew ukoll li mill-provi jidher ċar li dan il-każ jittratta investimenti f'somom kbar ta' Euro, u li għalhekk l-ammont pretiż minn Zarifa la hu esaġerat u lanqas grossolan.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tad-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta wara t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni da parti tal-konjugi Zarifa bin-numru tar-rikors 1703/2018/1 LSO fl-ismijiet **Alfred Anton Zarifa et *vs.* Alexander Mangion et**.[1] Ġiet esebita wkoll kopja tal-liċenzja maħruġa lil MPM Capital Investments Limited mill-MFSA.[2]

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti tqis li l-proċedura taħt l-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta hi maħsuba biex tkun waħda sommarja, u li l-evalwazzjoni li trid issir f'dan l-istadju hija dwar (i) jekk il-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni li r-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti tirrevoka f'dawn il-proċeduri, għadhomx jeżistu jew le; (ii) jekk l-ammont mitlub mill-intimati konjugi Zarifa huwiex *prima facie* ġustifikat jew le; (iii) jekk hux raġonevoli, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, li dan il-Mandat ta' Inibizzjoni jinżamm fis-seħħ kollu, jew f'parti minnu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tħoss li jkun xieraq li tiċċita issellef minn dak li ntqal fid-deċizjoni fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet **DOM Communications Ltd *vs.* Office Group Ltd**:

> "... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru *ai termini* tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **<u>Camilleri *vs.* Gove et</u>**, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem:
>
> "Mid-dispożizzjoni tal-art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.
[2] *A fol.* 30 tal-proċess.

> kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."

F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta, wara l-mandat ta' sekwestru numru 1235/2015 fl-ismijiet **Gaetano Abdilla et *vs.* Charles Bianco et**, ġie ritenut illi:

> "L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide **Vincent Mercieca *vs.* George Galea,** 29 ta' Novembru, 2011, u **Technobroadcast srl *vs.* Mediterrenean Broadcasting Limited**, tal-5 ta' Ġunju, 2007)."

Il-Qorti kkonsidrat iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, fejn jirriżulta li l-intimati konjugi Zarifa bnew relazzjoni kummerċjali mas-soċjetà MPM Capital Investments Limited fuq medda ta' snin, u li r-relazzjonijiet kienu dejjem bejn il-konjugi Zarifa min-naħa l-waħda fil-vesti ta' klijenti, u s-soċjetà MPM Capital Investments Limited, li tagħha r-rikorrenti Alexander u Melvin Mangion huma diretturi, fuq in-naħa l-oħra. Il-konjugi Zarifa qatt ma kkontrattaw mal-aħwa Mangion fuq bażi personali, imma minkejja dan il-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1703/2018/1 LSO intalab kontra l-aħwa Mangion personalment, u b'hekk ġiet affettwata proprjetà personali tagħhom u mhux l-assi tal-kumpannija.

Lill-Qorti jirriżultalha *ictu oculi* li l-intimati konjugi Zarifa ma ressqu ebda prova dokumentarja sabiex juru lill-Qorti li ddeċidiet dwar it-talba tagħhom għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, il-pretensjoni tagħhom minn fejn tirriżulta, jew kif waslu għall-komputazzjoni ta' aktar minn tliet miljun Euro danni li huma jallegaw li ġew ikkawżati lilhom bl-allegata malamministrazzjoni jew atti kommessi mis-soċjetà MPM Capital Investments Limited, jew tad-diretturi tagħha. L-unika prova dokumentarja fir-rigward hi d-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti aħwa Mangion li tindika li l-intimati konjugi Zarifa għamlu profitti sostanzjali mill-investimenti f'diversi strumenti finanzjarji li huma xtraw *tramite* MPM Capital Investments Limited, kif ukoll kopja ta' korrispondenza varja esebita mir-rikorrenti, li turi li s-soċjetà MPM Capital Investments Limited kienet tieħu struzzjonijiet mingħand il-konjugi Zarifa, klijenti tagħha, sabiex tiġbed flejjes, teffettwa ħlasijiet u tiġġestixxi l-flus afdati lilha. F'dan ir-rigward il-Qorti kkonsidrat li hu mankanti l-element tal-ġustifikazzjoni *prima facie* għall-ammont mitlub mill-konjugi Zarifa, u li minkejja li dawn fetħu kawża għall-ammont pretiż minnhom, fil-proċeduri għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni mkien ma ressqu xi forma ta' prova li tista' tkun indikattiva ta' kemm hu l-*quantum* tal-pretensjoni tagħhom fil-konfront tal-aħwa Alexander u Melvin Mangion personalment.

Ir-rikorrenti qegħdin isejsu t-talba tagħhom għall-ħruġ tal-kontromandat fuq is-subinċiżi (b), (d) u (f) tas-subartikolu 1 tal-artikolu 836 tal-Kap.12.

Is-subinċiż 1(b) jistipula li t-talba għall-ħruġ ta' kontromandat tintlaqa' meta waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ ta' att kawtelatorju ma tkunx għadha teżisti wara l-ħruġ tal-Mandat. Ir-rikorrenti jgħidu li l-fatt li l-konjugi Zarifa naqsu milli jġibu prova tal-jedd *prima facie* li huma jippretendu li għandhom,

huwa suffiċjenti biex it-talba tagħhom għall-ħruġ tal-kontromandat tintlaqa'. Il-Qrati tagħna kemm-il darba kellhom l-opportunità li jagħtu l-interpretazzjoni tagħhom għal dan is-subinċiż partikolari tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 f'diversi provvedimenti li ngħataw. Hekk pereżempju, f'deċiżjoni fl-ismijiet **Mansueta sive Nancy Farrugia *vs.* Franco Farrugia**[3], il-Qorti għamlet riferiment għal dak deċiż f'**Galea *vs.* Stewart**[4], u qalet illi:

> "Il-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li mandat ikun inħareġ sewwa, u f'xi waqt tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-mandat jibqa' fis-seħħ. (**Therese Mangion Galea *vs* Desmond Stanley Stewart.** 29.07.2005).
>
> Illi l-ħtiġijiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li: (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilità tal-persuna li tkun talbitu."

Fil-każ in eżami ma jirriżultax li r-rikorrenti indikaw li xi wieħed minn dawn il-kweżiti ġie nieqes wara l-ħruġ tal-Mandat, bħalma lanqas jirriżulta mill-atti li tali kweżit jew kweżiti ġew neqsin wara l-ħruġ tal-Mandat. Jista' jkun li r-rikorrenti Mangion għandhom raġun taħt xi wieħed mis-subinċiżi l-oħrajn tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, iżda mhux taħt is-subinċiż (b) ta' dan l-artikolu.

Is-subinċiż (d) li ukoll ġie ċitat mir-rikorrenti jispeċifika li kontromandat jista' jinħareġ f'każ li jirriżulta li l-ammont mitlub mhux *prima facie* ġustifikat, jew hu eċċessiv. F'deċiżjoni fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc (C3177) *vs.* Alexander Boiciuc, et**[5], ġie ritenut:

---

[3] 21.03.2017 (Rikors Numru 22/2017).
[4] P.A., 29.07.2005.
[5] P.A., 22.08.2013.

> "Il-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' mandat kawtelatorju taħt dan ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex 'tillikwida tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti;
> Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed 'eċċessiv', irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat."

Il-Qorti hawnhekk qiegħda tintalab tistabbilixxi jekk minn dak li jidher mad-daqqa t'għajn l-ammont mitlub mill-konjugi Zarifa huwiex *prima facie* ġustifikat jew eċċessiv. Lill-Qorti ma tirriżultalha l-ebda prova jew prospett ippreżentati mill-konjugi Zarifa f'dawn il-proċeduri, jew fil-proċeduri li permezz tagħhom talbu lil din il-Qorti kif diversament preseduta tilqa' l-Mandat ta' Inibizzjoni li qed tintalab ir-revoka tiegħu f'din l-istanza, u li permezz tagħhom imqar indikaw kif waslu għad-danni pretiżi minnhom jew abbażi ta' xiex dawn id-danni ġew ikkomputati. Lanqas ma nġabet xi forma ta' prova li flejjes fl-ammonti pretiżi mill-konjuġi Zarifa ġew investiti *tramite* s-soċjetà ġestita mill-aħwa Mangion, u għalhekk din il-Qorti ssibha diffiċli ferm taċċetta li hemm ġustifikazzjoni *prima facie* għall-ammont ikkawtelat mill-konjugi Zarifa. Naturalment il-Qorti mhix f'pożizzjoni li tgħid f'dan l-istadju min mill-partijiet għandu raġun fil-mertu, iżda mill-atti jirriżulta b'mod ċar li l-konjugi Zarifa naqsu milli jippruvaw imqar sal-grad rikjest mil-liġi f'dan l-

istadju, li l-pretensjoni tagħhom hija ġustifikata, u għaldaqstant ir-rikorrenti seħħilhom jagħtu raġuni tajba għalfejn l-effetti tal-Mandat għandhom jitħassru abbażi ta' din il-kawżali.

It-talba tar-rikorrenti hi msejsa wkoll fuq is-subinċiż (f) tal-Artikolu 836 (1), li jistipula li talba bħal dik tar-rikorrenti tista' tintlaqa' meta jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Stanley *vs.* Galea**, iċċitata aktar 'il fuq, ġie ritenut illi:

> "L-istħarriġ fil-mertu ma jagħmilx biċċa mill-kriterji li fuqhom hija ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha fi proċedura bħal din: biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex mistħoqqa jew le, il-pretensjoni tar-raġonevolezza li l-mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu;
>
> Illi biżżejjed jingħad li, jekk 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-intimata eżekutanti m'għandha titħallas xejn, xorta waħda ma jistax jingħad li l-mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju jinħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwistjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimat eżekutant."

Il-Qorti tikkonsidra li fiċ-ċirkostanzi odjerni diġà hawn mankanza meqjusa serja inkwantu nieqes għalkollox l-element tal-prova *prima facie* li kellhom jagħmlu l-intimati konjugi Zarifa. Jista' jkun li l-Qorti li ser tittratta l-mertu tiddeċiedi li taghtihom raġun, iżda f'dan l-istadju l-Qorti qiegħda tqis li fiċ-ċirkostanzi kollha li għandha quddiemha, ma jkunx raġonevoli li l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni jinżammu fis-seħħ, u għalhekk qiegħda tilqa' t-tieni talba tar-

rikorrenti u tirrevoka l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1703/2018/1 LSO.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tapplika wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836 (8) u (9) tal-Kap. 12 fil-konfront tal-konjugi Zarifa, liema dispożizzjonijiet jipprovdu għall-ħlas ta' penali jew danni lill-persuna li jkun inħareġ l-att kawtelatorju kontriha f'numru ta' każijiet speċifikati fil-liġi.[6] Dwar talbiet bħal dawn, din il-Qorti diversament preseduta kellha dan x'tispjega, fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Tabone Joseph *vs.* Capece Construction Limited et**[7]:

> "Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward, u ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi tesiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836 (8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż."

[6] L-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 jistipula li l-Qorti tista' timponi penali:

(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;
(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:
Iżda, d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;
(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapaċità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;
(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

[7] P.A., 14.08.2013.

F'dan il-każ ir-rikorrenti naqsu milli jiċċitaw taħt liema waħda mill-kawżali msemmija fl-artikolu 836(8) qegħdin isejsu l-pretensjoni tagħhom għall-ħlas lilhom ta' penali, u minkejja li tul it-trattazzjoni li saret mill-avukat difensur tagħhom intqal diversi drabi li l-Mandat ta' Inibizzjoni da parti tal-konjugi Zarifa sar b'ritaljazzjoni għal numru ta' proċeduri legali mnedija fil-konfront tagħhom mir-rikorrenti f'din l-istanza, baqa' ma ġiex ippruvat li l-Mandat ta' Inibizzjoni da parti tal-konjugi Zarifa sar b'malizzja jew kien vessatorju fil-konfront tar-rikorrenti. Lanqas ma nġabet xi prova li r-rikorrenti sofrew xi danni minħabba fil-Mandat ta' Inibizzjoni li sar mill-konjugi Zarifa, u għalhekk il-Qorti mhix qiegħda tilqa' t-talba għall-impożizzjoni ta' penali.

In vista tal-fatt li t-tieni talba tar-rikorrenti qiegħda tintlaqa', il-Qorti mhix ser tkun qiegħda tippronunzja ruħha fir-rigward tar-raba' talba tar-rikorrenti.

<u>**Provvediment**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-intimati;**
2. **Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tirrevoka l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1703/2018/1 LSO *ai termini* tal-artikolu 836 (1)(d) u (f) tal-Kap. 12;**
3. **Tiċħad it-talba tar-rikorrenti fir-rigward tal-impożizzjoni tas-sanzjonijiet ikkontemplati fl-artikolu 836 (8) u (9) tal-Kap. 12;**

4. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba tar-rikorrenti.**

**Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tal-intimati.**

Moqrija.